# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 982

KAZ NRU. 1153

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Silvio Cuschieri

u

Handkrafts

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum: 9 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Colin Tabone**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 10 ta' Lulju, 1997 Ref. MHS/TI/49/97 biex tigi processata skond il-provvedimenti ta' l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

L-appellant Silvio Cuschieri kien assistit mill-avukat George Abela u s-sur Michael Parnis.

Is-Socjeta' ntimata Handkrafts kienet rapprezentata mis-sur Martin Aquilina assistit mill-avukat Peter Fenech.

**Statements of Case**

L-appellant jiddikjara li gie mpjegat bhala *sale assistant* mal-kumpanija Handkrafts fil-11 t'Ottubru 1996 u l-impjieg gie tterminat fid-19 t'April, 1997 b'ittra mis-sur Martin Aquilina ghall-Handkrafts.

Fl-ittra gie ndikat li l-appellant kellu l-impjieg terminat ghax kien gie mwissi hafna drabi dwar il-"*behaviour*" tieghu. In-nuqqas ta' responsabbilita' u kooperazzjoni gieghlu lill-kumpanija biex tiehu din it-triq.

Min naha tal-kumpanija t-tkeccija kienet wahda gusta u legali u li giet wara diversi twissijiet. L-appellant ma kienx jaghti kaz ta' l-istruzzjonijiet li kien jircievi. Is-sitwazzjoni kienet tirranga xi ftit wara kull twissija verbali izda mbaghad is-sitwazzjoni terga' tiddegenera. L-atteggjament ta' l-appellant fi zmien ta' qabel it-tmiem ta' l-impjieg hija deskritta bhala wahda ta' sfidi kontinwi lejn il-kumpanija u l-awtorita' tas-sur Aquilina. Kien jiekol fil-hanut fil-presenza tal-klijenti minkejja li kien imwissi biex dan ma jaghmlux. Skond il-kumpanija, il-hanut f'dawn l-ahhar sentejn kien fi stat dizorganizzat. Inghad ukoll li l-appellant kien johrog minn fuq ix-xoghol ta' spiss u li rrifjuta li jattendi kors ghall *sales persons* lis-Socjeta' Handkrafts riedet tibghatu ghas-spejjes taghha.

Fis-sottomissjonijiet finali l-appellant isemmi li fl-ittra tad-19 ta' April, 1997 huwa gie akkuzat b'diversi offizi li allegatament wettaq waqt l-impjieg qasir tieghu u li fl-ebda

hin waqt is-smigh tal-kaz dawn l-allegazzjonijiet ma gew ippruvati, per ezempju :

li kien imwissi diversi drabi;
kellu nuqqas ta' responsabbilita';
kellu nuqqas ta' koperazzjoni;

u s-sur Aquilina nnifsu ammetta bil-gurament li qatt ma ta twissija bil-miktub lill-appellant.

"Illi l-impjieg tas-sur Cuschieri gie mitmum ftit gimghat wara li kien skada z-zmien tal-prova. M'humiex verosimili illi fit ftit gimghat minn meta skada z-zmien tal-prova sakemm tkecca l-impjegat - dan l-impjegat wettaq dawn in-nuqqasijiet kollha kif qed jigi allegat.

Illi, bil-gurament is-sur Cuschieri xehed li kien l-istess Aquilina li baghat ghalih sabiex jahdem mal-Handkraft meta fl-istess hin is-sur Cuschieri kelli mpjieg iehor mas-Socjeta' Paradise Bay Hotel.

Illi ma giex ippruvat dak li hemm miktub fid-dikjarazzjoni tal-kaz mis-sur Martin Aquilina li s-sur Cuschieri kien :-

Ma naghtix kaz ta' l-istruzzjonijiet tas-sur Aquilina.
Jiekol fil-hanut.
Ihalli parti mill-hanut mhux sorveljat.
Idoqq ir-radio mhux fuq stazzjonijiet tal-muzika.
Halla l-hanut f'dizordni fl-ahhar sentejn (meta lanqas biss kien impjegat).

Iqatta il-kaxxi tat-toys.
Johrog spiss mill-hanut sabiex imur jixtri.
Irrifjuta li jattendi ghall-attivitajiet u ikliet organizzati mill-Management. (Fil-fatt attendi ghall-unika ikla li saret waqt l-impjieg tieghu)."

Illi jidher car li hafna mill-akkuzi li saru ma setghu qatt isiru mis-sur Cuschieri minhabba l-fatt li hu l-anqas biss kien impjegat fiz-zminijiet indikati.

"Illi t-tkeccija tas-sur Cuschieri saret flimkien ma' l-impjegati kollha tal-hanut minghajr ma Cuschieri kellu ebda tort tal-akkuzi bla bazi u mhux pruvati li s-sur Aquilina pprezenta quddiem dan it-Tribunal.

Kif diga' ghidna kemm waqt is-smigh kif ukoll fis-sottomissjonijiet finali hafna mill-akkuzi li saru kontra Silvio Cuschieri kienu bla bazi minhabba li fiz-zmien qasir li dam impjegat ma seta' qatt ghamel dawk in-nuqqassijiet kollha minghajr ma jittiehdu passi kontrieh. Ezempji cari huma l-famuzi laqghat li kienu jsiru, li matulhom is-sur Aquilina qal li kien jghid hafna affarijiet u li fil-fatt Silvio attenda wahda biss, u fiha giet diskussa biss il-paga, kif ukoll l-ikliet li kienu jsiru mill-Management, li kemm dam fl-impjieg Silvio gie mistieden biss ghal wahda li attenda ghaliha.

Min naha taghha s-Socjeta' ntimata Handkrafts tesponi li l-partjiet esponew il-kaz taghhom, izda mal-qari tax-xhieda wiehed mill-ewwel jinduna li hemm zewg verzjonijiet totalment differenti u li ghalhekk hija ta' mportanza strategika l-kredibilita' tax-xhieda li nghatat. Ma hemmx dubju li wahda minn dawn il-verzjonijiet mhix veritier, hija fabbrikazzjoni ghar-ragunijiet ulterjuri li jispetta lil dan it-Tribunal li janalizza din ix-xhieda sabiex johrog il-verita dwar it-tkeccija.

It-Tribunal gie pprezenat bi tlett kazijiet, (minkejja li f'din in-nota qeghdin nitkellmu fuq wiehed minnhom, ikolli naghmel riferenza ghalihom ilkoll, kultant, minhabba li huma lkoll ibbazati fuq l-istess fatti u x-xhieda hija identika fit-tlett kazijiet). F'dawn il-kazijiet ix-xhieda attrici,komposta primarjament mix-xhieda tal-appellanti, tawna kwadru ta' tlett impjegati ideali, mill-aktar tajbin li kumpanija setghet tispera li timpjega. Gejna nfurmati li qatt ma hargu jixtru xejn, jekk ma baghathomx Martin Aquilina, kienu dejjem jobdu r-regoli u anki t-twissijiet li nghataw mill-management. Ir-radju kien dejjem fuq l-istazzjoni li ried il-management u fuq il-football qatt. Ikel kienu jiekluh biss f'dik il-kamra z-zghira li tant tawna dettalji taghha. In-nies li kienu jidhlu gol-hanut kienu dejjem akkumpanjati fuq is-sulari kollu jekk le, dan ghaliex ma kellhomx staff bizzejjed. Il-hanut qalilna l-istess Silvio Cuschieri kien kollox f'postu "jiena ghalija kont insibha tajba". Ma kienx hemm problemi ta' kaxxi mqattajn. Le zgur li le jghidilna l-istess appellant. L-unika kaxxi mqattajn li kien hemm fil-hanut kienu kollha kaxxi li gew imqattajn mill-istores tal-Hanut. Silvio Cuschieri, l-kaxxi dejjem mit-tape fetahhom u ghalaqhom!

Din il-kantaliena ta' kemm kien kollox sejjer tajjeb fil-hanut tibqa sejra u sejra, lista twila ta' cahdiet, wahda ssegwi l-ohra, fejn qed jigi nnegat dak kollu li jintqal fid-dikjarazzjoni tal-kaz tal-kumpanija.

Huwa proprju hawnhekk li l-intimati umilment jissottomettu li l-buzzieqa minfuha tal-appellanti tinfaqa'. Fl-attentat sfrenat sabiex juru kemm kienu tajbin, kemm kienu serji, kemm kienu jobdu u jezegwixxu l-ordnijiet tal-management, huma donnhom ma rrealizzawx li kienu qed jitilfu l-kredibilita' taghhom. Dan ghaliex bniedem perfett fid-dinja ma jezistix, u

l-impressjoni ta' perfezzjoni li nghatat lit-Tribunal mill-appellanti hija surreali, u minnha nnifisa mhix veritier. Tawna l-impressjoni li kienu, Silvio Cuschieri inkluz, l-impjegati ideali, li qatt ma jizbaljaw, qatt ma kien hemm xjen x'jigi korregut fihom. Fil-fatt Silvio Cuschieri jghidilna li Martin Aquilina qatt ma kkoregieh u li fil-meetings Martin Aquilina qatt ma qalilhom li kien hemm x'jirranga. L-intimat konvint li t-Tribunal jaghraf li l-kwadru li ppruvaw jibnu l-appellanti huwa kwadru ferm il-boghod mill-verita', kwadru mibni biss ghal din il-kawza, kwadru mibni sabiex jippruvaw jakkwistaw danni, kwadru qarrieqi.

Kollox jissokkombi fuq il-kredibilita'. Ix-xhieda ta' Martin Aquilina hija xhieda mhux biss kredibbli izda konsistenti. Hija xhieda li ma tippruvax tpingi xi haga b'mod differenti milli kienet fir-rejalta'.

Huwa mportanti nissottolinjaw xi punti saljenti li hargu mix-xhieda ta' Martin Aquilina. Jidher car li l-impjegati kienu qaqocca u kienu lil hinn minn kull kontrol. Bejniethom kienu jiftehmu kollox u l-uniformita' ta' xhieda taghhom tindika dan bl-aktar mod car. Kienu qed jirribellaw ghal kull forma ta' kontroll li kien qed jipprova jdahhal il-management. Jidher car li tant hassewhom b'sahhithom li sahansitra kienu anki jisfidaw il-management. Hawnhekk mhux biss qed nirreferi ghall-kwistjoni tar-radio, izda ghall-affarijiet ohra bhall-irrangar tal-ixkaffi u l-procedura li biha kellhom jinfethu il-kaxxi, li wara kollox, ghal minn jahdem gewwa hanut huwa elementari.

L-appellanti filwaqt li jinnegaw kollox li allegat is-socjeta' intimata, jippruvaw idawru kollox favurihom u *di piu'* jattakkaw il-management bl-allegati nuqqasijiet. Jekk wiehed

jidhol fil-kwistjoni tal-kartolina tal-Milied, naraw li ppruvaw juzawha bhala turija ta' kemm kienu jahdmu sewwa u kemm il-management ma kellhiex fuq x'hiex tilmenta. Bizzejjed wiehed jaghmel riferenza ghal spjegazzjoni dettaljata li nghatat minn Martin Aquilina, fuq dan il-punt.

Finalment l-intimat jaghmel enfazi fuq il-kontradizzjonijiet li hargu mix-xhieda. Naturalment hadd qatt ma jkun f'pozizzjoni li jippruvahom kollha, izda meta tipprova whud, dawn ghandhom jaghtu kwadru tajjeb dwar il-kredibilita' o meno ta' min ikun qalhom. Wiehed hawn jistaqsi kif accetta Silvio Cuschieri li anki jibda jitkellem dwar l-offerta ghall-impjieg tieghu Martin Aquilina meta ta' l-ahhar bdielu, skond l-istess Cuschieri b'paga minima, u inqas milli attwalment kellu. Jghidilna li meta tkeccew dahlu erba' mpjegati jahdmu flokhom jumejn wara, meta fil-fatt dahlu tnejn biss. Jghidu li dahlu bl-uniformijiet u llum nafu li dan m'huwiex veru. Jghidilna li meeting sar wiehed biss, meta shabu jghidu li kienu jsiru aktar. Jghidilna li f'dawn il-meetings Martin Aquilina qatt ma lmenta, u kien meeting biss biex jinfurmahom dwar il-metodu l-gdid ta' hlas. Ta' min jirrimarka li dan jikkontradixxi dak li xehdu fuqu hbiebu l-impjegati l-ohra. Kienu jinnegaw li kien hemm relazzjonijiet difficili bejniethom u l-bqija tal-impjegati. Din il-pozizzjoni kellha titbiddel wara li xehdu l-istess impjegati tal-istores. Dwar dik il-gurnata meta Martin Aquilina kellu jidhol hu sabiex jorganizza l-hanut, l-istess Silvio Cuschieri jghidilna "mhux irranga aktar qalleb....qalleb li konna ghamilna ahna".

**Osservazzjonijiet**

Dan il-kaz kien wiehed minn tlieta li kienu qed jigu trattati flimkien izda fis-seduta tas-17 ta' Frar, 1998 l-avukat George Abela ghamel dan il-verbal :

> "Patricia Muscat Edwards u Simon Busuttil se jibda jippatrocinhom l-avukat Frank Cassar u ghalhekk hu kien sejjer jirrinunzja ghal patrocinju taghhom".

Minhabba li dan il-kaz ghal 6 (sitt) seduti kien ittrattat ma' tnejn ohra, hija haga naturali li x-xhieda kienet mifruxa fuq it-tlett kazijiet.

Haga li tispikka hi li l-appellant kien ilu mpjegat ghal 6 xhur u 8 ijiem, u l-kaz imressaq mill-kumpanija jirreferi ghal perijodu itwal minn dan.

In-nuqqasijiet li l-kumpanija gabet waqt it-trattazzjoni gew implikati wkoll fuq Silvio Cuschieri allavolja huwa ma kienx fl-impjieg ghal dan iz-zmien kollu.

**Konkluzzjoni**

Kemm fis-sottomissjonijiet kif ukoll fix-xhieda, n-nuqqasijiet li allegatament saru ma jistghux jigu imputati lill-appellant fit-totalita' taghhom.

Minhabba li l-kaz tieghu gie trattat mill-kumpanija fuq il-bazi tat-tnejn l-ohra, t-Tribunal ihoss li - ragunijiet serji ghat-tkeccija ma gewx ippruvati minghajr dubbji.

Ghaldaqstant it-tkeccija ta' Silvio Cuschieri ma kinetx gusta.

It-Tribunal jiddeciedi kumpens ta' mija u hamsin lira maltin (Lm150) u certifikat ta' referenza tajba.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali numru 48 tal-1986, it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin lira maltin (Lm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

-------------------

**Colin Tabone**
**CHAIRMAN**

----------------

**Emma Muscat**
**A/SEGRETARJA**

mrg